# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja (9/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| SKUŻAT: | Francis Callus | Viċi Sindku |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv iringrazzja lill-kunsilliera li ġew jumejn wara l-ftehim oriġinali u qal għalfejn il-Viċi Sindku ma setax jattendi. Qal illi wara li l-pjanijiet kienu saru biex il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru, ma kienx se jkun hemm quorum. Kien staqsa jekk hux possibli li l-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru minflok u kien hemm qbil unanimu. Fil-ġurnata li tqassmu d-dokumenti, il-Viċi Sindku avżah illi kien se jkun imsiefer. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien taħt l-impressjoni li hu kellu jsiefer fil-weekend ta' wara u mexa bil-pjanijiet wara li ħa l-go ahead ta' kulħadd. Għalhekk ħass illi l-Viċi Sindku għandu jkun skużat u l-kunsilliera qablu.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 3. Punti mill-Minuti

3.1 Is-Sindku ta updates rigward il-Berġa [ref punt 3.2]. L-ispeech therapist qegħda tuża l-kamra ta' servizzi soċjali kull nhar ta' Tnejn u Tlieta bejn is-7.30am u t-3.30pm. It-tabib qed juża l-Berġa kull nhar ta' Tlieta u l-Erbgħa bejn l-10.15am u l-11.15am. Podologist kull l-ewwel Erbgħa u l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Servizz huwa wieħed sodisfaċenti, pero' se jitwaħħlu blinds peress li kien hemm xi lmenti fil-waiting area rigward is-sħana. Dawn se jitħallsu mill-Ministeru tas-Saħħa.

3.2 Is-Segretarju qal illi l-linji saru [ref punt 4.1].

3.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi m'għandu l-ebda update fuq il-każ tiegħu [ref punt 6]

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva lmenti u talba biex ma jsirx ħasil tal-Pjazza qabel il-Festa [ref punt 8.1]. Il-kunsilliera qablu li l-Pjazza xorta għanda tinħasel mill-inqas darba fis-sena.

3.5 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema kellhom diffikulta biex itellaw il-bandiera l-kbira mar-roundabout għax hemm bzonn nixtru intarjola bl-istainless steel għax bdiet teħel [ref punt 8.5]

3.6 Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi l-attivitajiet kollha [tal-Mural/Blood Donation/Sqallija] kienu suċċess [ref Aġenda punt 8].

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ura ritratti tal-arbli msaddin fi triq San Tumas [ref punt 8.12]. Il-kunsillieri Carlo Stivala u Joanna Abdilla qalu li huma msaddin ukoll in-naħa t'isfel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamel rapport lill-foreman ta' EneMalta.

## 4. Korrespondenza

4.1 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar l-emajl ta' TM rigward Reserved Parking. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TM irċevew talba minn resident illi talab Reserved Parking u riedu jkunu jafu jekk il-Kunsill oġġezzjona. Il-Kunsill qabel illi l-persuna għanda bzonn Reserved.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra mill-Ombudsman dwar il-każ illi kien fetaħ is-sur Francis

Buhagiar kontra l-Kunsill f'Diċembru 2015, fejn huma qalu li għalqu l-każ.

**5. Tenders: Perit/Accountant/Handyman**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħalissa għaddej bix-xogħol fuq dawn il-tlett tenders. Qal illi hemm Open Call għat-tender tal-Perit fejn għandhom sad-19 t'Ottubru biex jibagħtu l-bids tagħhom. Qal illi dil-ġimgħa se jlesti tal-Accountant u lejn l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla għandu jlesti tal-Handyman.

5.2 Fakkar lill-kunsilliera li l-proċedura tat-tenders inbidlet issa fejn kollox irid isir elettronikament. Fil-każ tal-Perit qiegħed ifittex 2 periti li għandhom emajl tal-gvern biex jieħdu ħsieb l-evalwazzjoni huma.

**6. Ċirkolari 16/2016 [Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv] u Ċirkolari 18/2016 [Ordnijiet Permanenti- Laqgħat tal-Kunsilli Lokali]**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Ċirkolari 16/2016 fejn ħarġu struzzjonijiet li kull Kunsill għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv mill-pool tas-Segretarji Eżekuttivi. Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu post is-Segretarju Eżekuttiv f'kaz illi hu ma jkunx jista jaqdi l-funzjonijiet tiegħu f'każijiet ta' safar, sew personali kemm fuq xogħol, mard fit-tul u ċirkustanzi oħra li ma jrendux possibli li s-Segretarju Eżekuttiv ikun preżenti l-uffiċju u jwettaq dak li titlob minnu l-Liġi. Qal illi kull Kunsill irid jiddiskuti l-ħatra ta' Deputat S.E kull tlett xhur.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fost il-persuni li hemm fil-pool, u b'hekk hi eliġibbli għall-kariga, hemm is-sinjura Maria Dolores Baldacchino li taħdem fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u li ilha hemm tagħt servizz tajjeb għal perjodu twil. Il-kunsilliera qablu li dejjem ħadmet sew u tagħti izjed milli hemm bzonn u ma kien l-ebda oġġeżżjoni mar-rakkomandazzjoni tagħha biex tieħu l-kariga.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta Ċirkolari 18/2016 fejn id-Direttur ħass illi Kunsilli għandhom jieħdu l-passi neċessarja biex Kunsilli josservaw dawn l-Ordnijiet, speċjalment issa la hemm il-Live Streaming. Sabiex il-laqgħat ikunu legalment korretti u effettivi hemm bzonn illi jitmexxew skond dawn l-Ordnijiet Permanenti. Jekk Kunsill ma jimxiex ma' dawn l-Ordnijiet, il-laqgħa tiġi ddikjarata 'ultra vires'.

**7. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

7.1 qal illi minn nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru se jkun hemm servizz ġdid fir-raħal fejn se jkun hemm mobile van tal-MaltaPost barra l-Kunsill. Wieħed se jkun jista jħallas il-kontijiet hemmhekk.

7.2 qal illi hemm ftit problemi rigward l-Amalgamazzjoni tan-Nursery ma dak ta' Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jiltaqa mad-Direttur u mal-avukat tad-DLG ħalli nkunu ċerti li naħdmu skond il-liġi. Is-Sindku qal illi nhar is-Sibt 24 ta' Settembru se jkun hemm iċ-ċeremonija tal-ftuħ tal-istaġun.

7.3 irċieva suġġeriment biex isir tabella 'One way. No heavy vehicles' fejn id-dar tal-Kappillan. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemmhekk one-way izda jaqbel illi għandna navzaw illi Heavy Vehicles m'għandhomx jagħdu minn hemm peress illi t-trakkijiet qegħdin jeħdulu l-ġenb [il-propjeta li hemm fejn il-Kappillan]. Il-kunsilliera qablu li nixtru angle bars u ssir tabella.

7.4 ressaq suġġeriment biex ineħħu t-tabella tal-injam li hemm biex tindika fejn qegħda l-parti l-ġdida ta' triq in-Nassaba, u minflok nagħmlu waħda suri ta' nies. Il-Kunsill qabel. Kellu suġġeriment simili għal tabella fl-area Ta' Ġawhar. Il-Kunsill qabel.

7.5 staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kien hemm update rigward talba li kien għamel biex inġibu l-iskips tal-ħwejjeġ fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur jixtieq ikun jaf fejn għandna l-ħsieb illi npoġġu dawn l-iskips. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ma tantx sema affarijiet pożittivi u qal illi kunsilliera oħra qalu dwar problemi li kellhom minn meta bdew joffru s-servizz. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jekk se jkunu trouble, aħjar ma nġibu xejn. Il-kunsilliera qablu li ma nġibuhomx.

7.6 qal illi hemm wisq ilmenti fuq is-servizz tal-Bulky Refuse u li kien hemm wisq problemi mal-kuntrattur. Dan qed iħalli items u qed imur tard fuq rata persistenti. Il-kuntrattur qal illi hu lest jittermina l-kuntratt. Il-Kunsill qabel illi nagħmlu 'mutual termination' bil-kundizzjoni li noħorġu 'default notices' sakemm jispiċċa jaħdem magħna.

7.7 qal illi hemm opportunita biex il-Kunsill u l-KLŻ jagħmlu speċi ta' ġemelaġġ ma' raħal ġewwa Sqallija. Qegħdin jagħmlu proġett bit-tema ta' integrazzjoni u multikultarismu. Qal illi hemm opportunita biex għaxar persuni jmorru sar-raħal tagħhom flimkien ma Kunsilli oħra madwar Ewropa, fejn isir Memorandum of Understanding bejn il-Kunsilli fuq kif għandhom jittakiljaw dawn il-problemi. Qal kollox se jkun imħallas u se jkun hemm allowance ta €50 fuq il-biljett tal-ajru. Il-Kunsill qabel illi nipparteċċipaw ħalli nibnu bond ma' rħula oħra fuq dawn it-temi diffiċli.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

7.8 għamel talba biex nirranġaw it-tabella li hemm fuq il-BIS. Il-Kunsill qabel.

7.9 staqsa dwar il-possibilita li titnaddaf l-area Ta' Ġawhar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ilu jibgħat emajls lill-Cleansing Department peress illi m'għandniex ir-riżorsi biex nieħdu ħsieb ix-xogħol aħna.

Il-kunsillier Joanna Abdilla

7.10 tixtieq tagħmel attivita ta' Absailing fis-16 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel.

7.11 qalet illi għanda l-ħsieb illi tagħmel ħarġa sa MarsaXlokk xi darba wara nofsinhar għall-anzjani. Il-Kunsill qabel.

7.12 qalet illi hemm xi Pole Inspection box tan-nar miftuħa f'triq il-Kuċċard.

7.13 għamlet talba għall-update rigward triq il-Kuċċard. Ix-xogħol għandu jibda dalwaqt.

7.14 qalet illi l-KLŻ jixtiequ jagħmlu proġett fejn jiffoka fuq l-ambjent u l-volontarjat u se japplikaw għall-fondi mal-Aġenzija Żagħżagħ. Sabet l-appoġġ tal-Kunsill.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

7.15 Ma kellu l-ebda punt.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

7.16 Irċieva talba biex jiltaqa ma kumpanija tas-CCTV li ġew biex jaraw l-area fejn il-BIS u biex joffru stima għas-servizz tagħhom. U ħass illi mhux worth it li nħalsu €1400 [u €1000 kull sena wara] biex nieħdu l-istess servizz illi nieħdu issa. Il-Kunsill qabel illi m'hemmx għalfejn inġibu CCTV ġdid izda li nżommu sorveljanza fuq il-post.

7.17 qal illi se jkun hemm Dental Clinic [mobile] barra l-Kunsill nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru 2016.

7.18 qal illi irċieva talba mis-Sindku biex nixtru Plate Compactor biex ix-xogħol tal-patching isir izjed Il-kunsilliera qablu li naraw jekk hemm kunsilli li għandhom Plate Compactor, kif jaħdmu, u jekk hemm kuntrattur lest jagħmel dimostrazzjoni tal-magna, u li l-ħaddiema tagħna huma komdi jaħdmu bih.

7.19 qal illi hu u s-Sindku ltaqaw mal-Onor Silvio Parnis fejn bagħtu talba uffiċjali għall-fondi biex isir ix-xogħol meħtieġ fil-Playing Fields ta' fejn il-grawnd tal-futbol.

7.20 irċieva talba biex isiru lezzjonijiet privata tal-aerobics fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jekk dawn se jsiru bil-ħlas għandhom iħalsu xi ħaġa għall-kiri tas-sala. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħi, kull min juża s-sala b'għan li jagħmel il-qliegħ, għandu jħallas xi ħaġa lill-Kunsill tal-ispejjeż relatati mal-użu tas-sala.

7.21 qal illi nhar is-Sibt 24 ta' Settembru se jkun hemm show taċ-Ċiniżi fis-sala tal-kommunita. Irċieva talba biex nixtru ftit affarijiet għar-riċeviment wara. Qal illi se jkun hemm ikel Malti għall-parteċipanti kollha wara s-show. In-nies [13+] se jħalsu €5 per person. Il-Kunsill se jħallas €20 lil kull performer ċiniż. Il-Kunsill qabel.

7.22 qal illi ltaqa flimkien mas-Sindku, mal-Gal Xlokk fejn se japplikaw għall-fondi għax-xogħolijiet meħtieġa fl-area Ta' Ġawhar u Ġnien Sir Alexander Ball. Qal illi l-evalwazzjoni inizzjali kien ta' ftit izjed minn €50,000 izda fil-BOQs hemm l-ammont ta' €104,000.

7.23 qal illi ġew rappreżenati tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u ddiskutejna l-proġett tal-Mitħna. Għad hemm l-istess ftehim illi kien hemm wara l-ewwel laqgħa u huma għandhom jibagħtu l-BOQ's dalwaqt.

9. **Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-24 t'Ottubru 2016 fl-4:00pm

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard

Iffirmati